# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 30 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 34.**
**Citazz. Nru. 1432/00 JRM**

**MONARCH ADVERTISING LIMITED**

**vs**

**Alina DARMANIN.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn, tmien mija u dsatax-il liri maltin u tmienja u sebghin centezmu (LM2,819.78) rappresentanti l-bilanc ta' prezz ta' reklamar maghmula u imxandra mis-socjeta' attrici fuq ordni tal-konvenuta;

Illi l-konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 9 ta’ Mejju 2000, xorta wahda baqghet inadempjenti;

Illi ‘l fuq imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12, tal-Ligijiet ta’ Malta, kif l-istess Alan Meadows bhala direttur u in rappresentanza tas-socjeta’ attrici jikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu u li fil-fehma tas-socjeta’ attrici, l-konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ elfejn, tmien mija u dsatax-il liri maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm2,819.78) rappresentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ reklamar maghmula u imxandra mis-socjeta’ attrici fuq ordni tal-konvenuta;

3. Tikkundanna lil-konvenuta thallas lis-socjeta’ ‘il fuq imsemmi ammont ta’ Lm2,819.78;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-9 ta’ Mejju 2000, u bl-interessi legali kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tiddikjara illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn tmien mija u dsatax-il liri maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm2,819.78) rappresentanti l-bilanc ta' prezz ta' reklamar maghmula u mxandra mis-socjeta' attrici fuq ordni tal-konvenuta u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' 'il fuq imsemmi ammont ta' Lm2,819.78c, bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Mejju 2000, u bl-interessi legali kontra l-konvenuta.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**30 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar, 2001.**